- ***ANNULLAMENT TAZ-ZWIEG -***

***– ART 19 (1) (D) (F) (H) – ATT DWAR IZ-ZWIEG; KAP 255 -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 Mejju 2002**

**Kawza Numru: 47**
**Citazzjoni Numru: 723/99/RCP**

**Mario Testa**

**vs**

**Louise Testa nee` Polster**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet kienu zzewgu fl-24 ta' Awissu 1990;

Illi dan iz-zwieg huwa null ghax:

- Il-kunsens tal-partijiet, jew ta' xi wahda minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; u/jew

- il-kunsens ta' wahda mill-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; u/jew

- wahda mill-partijiet ma kellhiex, fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi l-istess attur ghalhekk talab li l-konvenuta tghid ghala ma ghandhiex din il-Qorti:-

(1) Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fl-24 ta' Awissu, 1990 ma jiswiex u huwa null ghar-ragunijiet migjuba fuq, jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet, skond l-**artikolu 19(1) (d), (f) u (h) ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255)***.*

Il-konvenuta hija minn issa mharrka biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti hemm esebiti (fol 4 sa 5 tal-process).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tad-29 ta' Lulju 1999 fejn gie eccepit:

1. Illi t-talba tal-attur hija ghal kollox infondata kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, anzi kien l-istess attur li wera attitudini negattiva wara z-zwieg.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol 11 tal-process.

Rat il-verbali tas-16 ta' Settembru 1999 fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr Deborah Huber biex tigbor il-provi u tirrelata. Il-kawza giet differita ghas-6 ta' Marzu 2000; u tas-6 ta' Marzu 2000.

Rat in-nota tal-attur tad-9 ta' Marzu 2000 fejn permezz taghha gew esebiti erba' affidavits (fol 14 sa fol 28).

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Deborah Huber (fol 29 sa 51 tal-process).

Rat il-verbal tal-21 ta' Marzu 2000.

Rat in-nota ta' Mario Testa tad-19 ta' Gunju 2000 fejn permezz taghha gie esebit affidavit ta' Josette Mifsud (fol 53 sa 56).

Rat il-verbal tal-11 t'Ottubru 2000.

Rat in-nota tal-konvenuta tal-10 t'Ottubru 2000 li biha gie esebit l-affidavit taghha u ta' Jane Pisani (fol 59 sa 64).

Rat il-verbali tat-8 ta' Novembru 2000, tal-21 ta' Frar 2001 fejn il-Perit Legali Dr Deborah Huber infurmat lill-Qorti l l-provi gew maghluqa; tat-2 ta' Lulju 2001, tat-30 ta' Ottubru 2001, tal-20 ta' Novembru 2001 fejn il-Perit Legali rritornat il-process u halfet ir-relazzjoni.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr Deborah Huber a fol 70 sa 83.

Rat il-verbal tal-4 ta' Frar 2002.

Rat ir-rikors konguntiv bejn il-partijiet tat-30 ta' Jannar 2002 fejn talbu li l-kawza tintbaghat ghas-sentenza.

Rat il-verbal tal-10 ta' April 2002 fejn din il-kawza bdiet tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta u giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI

Illi l-attur fl-affidavit tieghu (Dok. "C") pprezentat fid-9 ta' Marzu 2000, jghid li huwa kien iltaqa' mal-konvenuta fi Frar/Marzu ta' l-1989, meta huwa kellu 28 sena u hija kellha 17-il sena. Jghid li *"Hija kienet naïve f'certu affarijiet u ma kinitx matura ghall-eta' taghha. Kienet totalment dipendenti fuq ommha."*

Illi l-attur jispjega li l-genituri tal-konvenuta huma Nglizi u kienu ddivorzjaw. Ommha kienet tigi ghal btala Malta fejn iltaqghet ma' ragel u izzewget u giet tghix Malta maz-zewg uliedha bniet. Il-konvenuta kienet tghid li missierha ma kienx jghinhom finanzjarjament.

Illi l-attur jghid *"Fiz-zmien li ltqajt ma' Louise jiena kont mohh ir-rih, dejjem nigri bl-isports car u dejjem indur il-pubs ma' siehbi biex nixorbu u niltaqghu mat-tfajliet."*

Illi l-attur jispjega li ftit xhur qabel ma ltaqa' mal-konvenuta huwa kien spicca relazzjoni ma' tfajla wara tliet snin. Huwa

kien johrog ma tfajliet ohra tul din ir-relazzjoni. Huwa kien irrabja kif kienet stmatu din it-tfajla u kien ha decizjoni li minn dik il-gurnata huwa kien johrog biss ma tfajliet barranin. Fil-fatt huwa hekk ghamel.

Illi l-attur jghid ukoll "*Jiena tant kont nixrob, li kont sirt dipendenti sewwa fuq ix-xorb. Il-hbieb, il-karozza, id-divertiment u x-xorb kienu saru l-aktar haga importanti f' hajti."*

Illi l-attur ikompli jispjega li l-genituri tieghu kienu stretti hafna mieghu izda huwa xorta kien jaghmel ta' rasu u kien jinkwethom hafna.

Illi fl-affidavit tieghu l-attur jghid li ta' hmistax-il (15) sena huwa kellu problema meta kien telghalu wiccu kollu ponot. Huwa kien *tilef s-self esteem* kollu tieghu. It-tfajliet ma riedux jafu bih u gieli anke inkewh fuq wiccu. Din ghamlet hsara psikologika fuqu u kien determinat li kif jehles mill-problema ta' wiccu huwa kien sejjer ipattija lit-tfajliet. Huwa kien qara ktieb f'dan is-sens u baqa' influwenzat fin-negattiv. Anke l-unika tfajla li accettatu kif kien u hareg maghha ghal tliet snin, meta kien sejjer jitlaqa' kienet tghidlu li hadd ma ser johrog mieghu minhabba wiccu. Din ziedet *l-inferiority complex* li kellu.

Illi meta huwa kellu 21 sena heles mill-inibizzjonijiet kollha li kellu u ma *"kontx bqajt inzomm mal-code of behaviour konservattiv li kien hawn fis-socjeta' dak iz-zmien."* Huwa

beda johrog ma' hafna tfajliet u ma kienx ihossu marbut b'ebda sens ta' fedelta. Jghid l-attur *"is-sens ta' rabta lanqas biss kien jghaddili minn mohhi. It-tfajliet kienu jigu u jmorru minghajr ma jaghmlu ebda differenza ghalija."*

Illi l-attur jghid *"Meta bdejt nohrog mal-mara tieghi, kont inqisha bhala wahda mit-tfajliet li konna naqbdu maghhom."* Fil-fatt huwa kien iwassalha l-lukanda u jerga' johrog mal-hbieb u tfajliet ohra. Jghid *"..mill-ewwel gurnata li hrigna, kellna x'naqsmu flimkien sesswalment. . ..dan il-fatt ghalija ma kienx jaghmel differenza.."*

Illi darba minnhom l-attur iltaqa' ma' missier il-konvenuta li qallu: *"If you don't take care of my daughter I will cut off your head".* Il-konvenuta kienet spjegat lill-attur li missierha kien *black belt* u jahdem ta' *bouncer.* L-attur hassu mhedded bil-kliem. Huwa kien ilu mal-konvenuta ghal ftit xhur u is-sajf kien wasal u ghalhekk huwa beda jfittex tfajliet barranin ohra.

Illi l-attur ukoll jispjega meta kienet giet Malta l-habiba tal-konvenuta, Jenny, f'Awissu tal-1989, huwa kellu x' jaqsam maghha fil-karozza wara li kien wassal lill-konvenuta d-dar. Fil-fatt dina Jenny wara kienet ghamlet rapport fil-konfront tal-attur li aggredija sesswalment. Il-Pulizja hadu passi kriminali kontrih izda waqfu fuq nuqqas ta' provi. Xi gimaghtejn wara dan l-episodju l-partijiet regghu bdew johorgu flimkien. L-attur jghid: *"Ma stajtx nifhem kif omm Louise halliet lil bintha tibqa' tohrog mieghi wara dan kollu.*

*Bzajt li Louise u ommha forsi setghu b'xi mod jirrikattawni jekk nitlaqaha kienu ser ippattuhieli..".*

Illi l-attur ikompli jghid li huwa u l-attrici ma tantx kienu jaghmlu hin flimkien u "*il-ftit li konna nohorgu konna hsiebna fid-divertiment u qatt ma bdejna xi tip ta' djalogu serju bejnietna. ... u ma sirniex nafu lill-xulxin. Kienet relazzjoni totalment fizika."*

Illi huwa jispjega li xi hames xhur wara l-incident ta' Jenny u cioe` f'Dicembru 1989, il-konvenuta inqabdet tqila. Huwa ma riedx jinkwieta lill-genituri tieghu, specjalment ghaliex missieru kien kellu *stroke.* Jghid hekk: *"..ghalhekk hassejt li l-abbar tat-tqala barra z-zwieg setghet taffettwah hazin hafna. Min-naha l-ohra hi kienet ser taghlaq tmintax u b'hekk setghet titlaq minn Malta bit-tarbija. Minhabba dan kollu jien ma kelli l-ebda triq ohra hlief li nizzewweg allavolja ma ridtx u qatt ma kelli hsieb ta' zwieg."*

Illi fuq il-konvenuta huwa jghid: *"Louise qatt ma riedet tizzewweg u anki qaltli li riedet teskludini minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija. Dan jien ma ridtux. . ..l-unika mod li stajt inzommha hawn kienet li nizzewwigha.... Meta bdew igerrbu x-xhur sabet li ma setghetx issiefer minhabba t-tqala. . ... Ghaldaqstant konna wasalna fi ftehim ta' konvenjenza. Jien li kien ghalija ma kontx nizzewweg li kieku ma kinitx ghat-tifla. Hi l-istess, min-naha taghha ma riditx tizzewweg imma accettat ghax rat li kienet ser tkun moqdija".*

Illi fuq il-konvenuta jghid li matul it-tqala hija *"kienet taghmel biss dak li tghidilha ommha u qatt ma riedet tisma' minni..".*

Illi l-partijiet izzewwgu fl-24 ta' Awissu 1990 fir-Registru Pubbliku, l-Belt meta l-konvenuta kellha tmien (8) xhur tqala. Kienu prezenti l-ġenituri tal-attur, ohtu Josette (xhud), omm Louise u r-ragel taghha, John Pisani (xhud). Wara kellhom johorgu jieklu izda l-konvenuta kienet ghajjiena u ma kellhiex apptit. Wara li kien telaq kulhadd hlief ommha u John Pisani, il-konvenuta riedet tohrog tiekol.

Illi l-attur jghid li l-ghada taz-zwieg huwa rritorna ghax-xoghol l-Bank u x-xoghol *part-time* bhala *barman,* liema xoghol kien mezz ta' *"kif stajt nahrab proprju minn dak kollu li kont sibt ruhi fih."* Illi t-tarbija, Chloe twieldet fl-4 t' Ottubru 1990.

Illi l-attur jghid: *"Jiena ghazilt li ninjora kull ma kien qieghed jigri madwani u kont bqajt nghix il-hajja tieghi b'mod indipendenti kif kont qabel u dana bis-sahha tax-xoghol tieghi part-time. Fil-fatt kont bqajt niltaqa' ma' nisa ohrajn regolarment. Kull ma kien jimpurtani kien li nara lill-binti ghal ftit tas-sieghat kuljum u Louise tatni x'nifhem li kienet accettat dan l-arrangament."*

Illi l-attur jispjega li l-konvenuta qatt ma kienet issajjar, jew tnaddaf id-dar, jew tahsel l-hwejjeg tal-attur, ghaliex kienet tkun ghand ommha u jghid *"...l-verita' kienet li kont qed*

*nghix qisni guvni. Jien kien ikolli naghmel kollox jien qisni qed nghix wahdi."*

Illi f'dan iz-zmien, jispjega l-attur zied fix-xorb alkoholiku. Il-hajja matrimonjali ma kenitx tezisti u "*dan lili ma kienx jaffetwani peress li bil-lejl kont nghix hajja ta' guvni*." Fil-fatt fis-sajf tan-1993 l-attur kien ha bar f'Tas-Sliema u bl-iskuza ta' dan kien idum iktar barra aktar minn qabel, ghaliex wara li jaghlaq mill-bar huwa u l-hbieb kienu jmorru jduru mat-tfajliet u nixorbu u *fil-weekends* idumu sal-5.00am.

Illi fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2000, l-attur xehed bl-Ingliz, in kontro-ezami fejn qal li huwa kellu pressjoni sabiex jizzewweg mhux direttament mill-genituri tieghu, izda ghaliex ma riedx jinkewtahom. Missieru kien l-Avukat Generali u minhabba *"social stigma"* hass pressjoni sabiex jizzewweg. Huwa hass ukoll *"..unless I got married I would lose control of the child's whereabouts."*

Illi l-attur jixhed li tul ir-relazzjoni mal-konvenuta huwa baqa' jiffrekwenta nisa ohra. *"My relationship with Louise was a casual one. It was not a definite one. At that time it was winter and there were no foreigners around. I was shocked that she was pregnant.. ..I considered marriage only in the aspect of not wanting to lose the child if Louise decided to go away. My feelings towards Louise at that time were indifferent."*

Illi l-attur jixhed li huwa izzewweg lill-konvenuta sabiex hija ma titlaqx minn Malta bit-tarbija; minhabba *social stigma;* u sabiex ma jinkwetax lill-genituri tieghu.

Illi fuq c-cerimonja taz-zwieg huwa jghid: *"Louise did not want a reception; she wanted nothing really. I was not bothered and I did not have the money for it either, although my father offered to pay, I was not bothered because it was a convenience thing not something planned which you want and have been looking forward for a long time. Everyone, including Louise and myself were dressed casual and would not have married her had she not been pregnant."*

Illi fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2000, l-attur xehed bl-Ingliz, in kontro-ezami rigward l-problema tax-xorb u jghid li huwa kien jixrob kemm qabel iz-zwieg, matul u wara li spicca z-zwieg, izda kien zied hafna tul iz-zwieg. Jghid li anke fil-gurnata taz-zwieg huwa kien xorob kwantita' kbira ta' alkahol.

Illi **Dr Carmelo Testa**, missier l-attur, xehed permezz ta' *affidavit* (Dok D), ipprezentat fid-9 ta' Marzu 2000, u jghid li l-attur kien semma lil Louise l-ewwel darba fl-1989 u meta staqsih jekk *'din id-darba kienx bis-serjeta'. ...Kien wegibna fis-sens li kien ghadu kmieni wisq."*

Illi Dr. Testa jixhed li l-partijiet qatt ma semmew zwieg izda fi Frar 1990 Mario kien qallu *"Louise pregnant".* Huwa

nhasad u nkwieta hafna fuq l-affari. Meta staqsa lill-attur meta se jizzewgu, huwa qallu li l-konvenuta kienet ghada qed tiddeciedi x' sejra taghmel. Aktar tard l-attur kien infurmah li sejjer jizzewweg f'Awissu. Huwa offra li jhallas ghall-pranzu tat-tieg izda l-attur ma tahx risposta.

Illi fir-rigward taz-zwieg bic-civil ix-xhud jghid li l-attur kien spjega li *"omm Louise kienet trid li z-zwieg isir bir-Registru biss u mhux bil-Knisja biex jekk iz-zwieg ma jirnexxix ma jkunx hemm bzonn kawza fil-Kurja ghall-annullament."* Ix-xhud inkweta b'dan id-diskors u qallu *"Lanqas biss ghadkom izzewwigtu u omm Louise gja qed tahseb hekk?!"*

Illi wara z-zwieg tal-partijiet, Dr Testa xehed li l-attur kien dejjem imdejjaq u jghidilhom li omm Louise kienet tindahal f'kollox. Il-konvenuta kienet tghidlu li l-attur kellu *"a drinking problem".*

Illi **Mary Testa**, omm l-attur, xehdet permezz ta' *affidavit* (Dok. "B"), ipprezentat fid-9 ta' Marzu 2000, u kkonfermat l-affidavit ta' zewgha Dr Carmelo Testa. Hija ziedet li darba l-konvenuta qaltilha *"If Mario wants to eat he must prepare lunch for himself because I only take care of the baby."* Tghid ukoll li l-attur kien qalilha li l-konvenuta qatt ma kienet tahsel hwejjeg.

Illi **John Mifsud**, xehed permezz ta' *affidavit* (Dok "F"), ipprezentat fid-9 ta' Marzu 2000, u jghid li huwa kien iltaqa' mal-attur fl-1982 fuq xoghol il-Bank. Minn hemm l-attur

beda jiffrekwenta l-bar tieghu. Dak iz-zmien l-attur kellu *sports car* u *"Kien jaqbad mat-tfajliet specjalment turisti".* Huwa jghid li l-attur kien jixrob alkahol fi kwantita'.

Illi x-xhud jghid: *"Nista' nghid li Mario Kien baqa' ghaddej bir-relazzjonijiet fizici ma' tfajliet barranin ohrajn sa qabel ma zzewweg u kompla anke wara."*

Illi **Josette Mifsud**, oht l-attur, xehedet permezz ta' *affidavit* (Dok "G"), gguramentat fit-12 ta' Gunju 2000, u tghid li *"Mario kellu sports car u kien mohhu biex igawdi ma' tfajliet differenti. ... Mario kien ikun ma' tfajliet differenti u kwazi kollha kienu jkunu barranin. Huwa kien jghidli li jippreferi lilhom mit-tfajliet Maltin ghax dawn ma kienx fihom rabta. Mario kien jahdem part-time barman ghax ghalih kien idejali biex jaqbad mat-tfajliet barranin ... dawn it-tfajliet kien iqishom bhala avventura."*

Illi x-xhud tghid ukoll li l-attur kellu problema ta' xorb minn xi erba' (4) snin qabel izzewweg.

Illi x-xhud tghid li l-attur kien qalilha li l-konvenuta kienet harget tqila u li huwa kien determinat li hija ma titlqax minn Malta bit-tarbija. Fil-fatt "*qalli li kien ser ikollu jizzewweg u dan mhux ghax ried imma minhabba t-tarbija."*

Illi fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2000, Josette Mifsud xehdet in kontro-ezami bl-Ingliz, u tghid li l-partijiet kienu biss ftit zmien johorgu ma' xulxin qabel ma izzewgu. Tghid li l-attur

qatt ma kellu intenzjoni sabiex jizzewweg u meta kellu tfajla dejjem kien jibqa' jiffrekwenta tfajliet ohra fl-istess zmien. Hija tghid: *"When he found out Louise was pregnant, Mario never wanted to get married. He wanted to see the child and he was afraid that Louise would leave with the child and he would not see the child. That was his preoccupation but he had no intention to get married."*

Illi **Jane Pisani,** omm il-konvenuta, xehdet permezz ta' *affidavit* (Dok H), ipprezentat fl-10 t'Ottubru 2000, u tghid li l-partijiet iltaqghu fi Frar tal-1989 meta l-konvenuta kellha 16-il sena. Il-konvenuta harget tqila ftit xhur wara, meta kellha 17-il sena. Tghid hekk: *"Louise was not mature enough to take on the role of wife as well as mother."* Tixhed li l-konvenuta kienet tqatta' hafna hin maghha tul iz-zwieg. Semmiet ukoll li l-attur kellu problema tax-xorb.

Illi fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2001, Jane Pisani xehdet in kontro-ezami bl-Ingliz u tghid *"Mario was her first serious boyfiend. I did not want her to marry when she got pregnant. She was too young ... Louise agreed  Mario wanted to get married because he did not want his child born out of wedlock ... Louise was eight months pregnant then ... She seemed to give up and she did not know what she was doing".*

Illi l-konvenuta xehdet permezz ta' *affidavit* (Dok "I"), ipprezentat fl-10 t' Ottubru 2000, u tghid li hija giet tghix Malta f'Ottubru tal-1988 u ltaqghet mal-attur fi Frar tal-

1989. Tixhed *"As a teenager I was overweight and very shy. I found it very flattering that a man of Mario's age should show any interest in me ... Mario was my first steady boyfriend and as a naïve 16 year old I saw no reason to distrust him at all ... Mario always consumed a lot of alcohol but I had no idea he was alcoholic."*

Illi l-konvenuta ssemmi li meta l-attur kien fir-relazzjoni maghha kien involut f'*rape charge.* Hija tixhed li f'Dicembru tal-1989 kienet harget tqila u *"it was a complete shock ... I was very frightened and confused. The social stigma of an underage pregnant girl was made obvious by the amount of people that stopped to talk to me when the pregnancy started to show ... As the pregnancy progressed I sunk deeper and deeper into a depression ... I wanted to get married for the right reasons and at the right time and being 17 and pregnant was neither of these. There was a lot of pressure from Mario to get married. I wanted to wait until after the birth before we did anything drastic but Mario kept insisting that we should do it before the baby was born because he didn't want his child born illegitimate. Finally in the eighth month of preganancy I gave in to the pressure."*

Illi l-konvenuta tghid li l-attur kien jahdem il-hin kollu u bil-kemm kienet tarah. Kien jidhol id-dar bejn is-2.00am u l-4.00am. Kellu problema tax-xorb. Tixhed hekk: *"He demanded sex at unreasonable times that is when Chloe was around ... In September 1993 Mario raped me."*

Illi fis-seduta tat-30 t'Ottubru 2000, il-konvenuta xehdet in kontro-ezami bl-ingliz tghid li meta ltaqghet mal-attur hija kellha biss 16-il sena u ma kellha ebda hsieb ta' zwieg. Tispjega li l-attur kien arrestat fuq kaz ta' stupru izda qatt ma tressaq il-Qorti. Tghid li l-attur qalilha li ma kienx ghamel dan u hija kienet emmnitu. Hija tixhed: *"I was not aware that Mario was frequenting other women while we were married."*

Illi fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2001, il-konvenuta kompliet tixhed in kontro-ezami u tghid li meta harget tqila hija kienet *"extremely confused and frightened. I was seventeen years old ... Mario wanted to get married only because of the child. I do not know what I wanted to do."* Tixhed li hija qatt ma nfurmat lil missierha, li kien jghix l-Ingitterra, li hija kienet sejra tizzewweg. Tkompli tghid: "*At the point of marriage I did not want to marry. I did so because of the child and I was too weak and emotionally confused to be able to take any decision. I went into a very deep depression with the pregnancy."*

## <u>(B) KONKLUZJONIJIET TAL-PERIT LEGALI.</u>

Illi l-attur fil-premessi tac-citazzjoni tieghu qed jattribwixxi n-nuillita' taz-zwieg fuq jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet, elenkati fl-**artikolu 19(1) (d), (f) u (h) ta' l-Att dwar iz-Zwieg [Kap 255]** tant li fil-fatt jindika l-allegazzjonijiet li:

a) Il-kunsens tal-partijiet, jew ta' xi wahda minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; u/jew

b) Il-kunsens ta' wahda mill-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; u/jew

c) wahda mill-partijiet ma kellhiex, fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi l-perit legali mqabbda mill-Qorti, Dr. Deborah Farrugia konkludiet li mill-provi migbura jirrizulta li, fir-rigward tal-attur:

*"(a) Fiz-zmien li l-attur beda r-relazzjoni tieghu mal-konvenuta huwa kellu 28 sena. L-aktar haga importanti f' hajtu kienu il-hbieb, id-divertiment, idur il-bars u jixrob fi kwantita', jigri bl-isports car u jiltaqa' u johrog ma' diversi tfajliet fl-istess perjodu. Huwa kien mohh ir-rih.*

*(b) L-attur kien iqis lill-konvenuta bhala wahda mit-tfajliet li kien jaqbad maghhom. Kienet relazzjoni kienet wahda*

*kazwali. Fil-fatt kienu hsiebhom biss fid-divertiment, bla djalogu serju u relazzjoni totalment fizika.*

*(c) L-attur izzewweg bil-pressjoni tas-social stigma; sabiex ma jinkwetax lill-genituri tieghu; u minhabba l-biza' kbira li kellu li l-konvenuta kienet sejra titlaq minn Malta bit-tarbija. L-attur ma riedx jizzewweg izda minhabba dawn il-fatturi u specjalment minhabba t-tarbija huwa zzewweg.*

*(d) Ic-cerimonja saret fir-Registru Pubbliku minghajr ilbies formali jew riceviment. L-ghada l-attur mar lura x-xoghol bhas-soltu. Huwa kien indifferenti ghaliex iz-zwieg kien sar biss ghall-konvenjenza.*

*(e) Wara z-zwieg l-attur baqa' jghix hajja ta' guvni, b'mod indipendenti. Huwa baqa' wkoll jiffrekwenta diversi tfajliet ohra, bhal ma ghamel tul r-relazzjoni tieghu mal-konvenuta qabel iz-zwieg".*

Illi mill-istess provi migbura l-istess Dr. Deborah Farrugia kkonkludiet fir-rigward tat-konvenuta li:-

*"(a) Fiz-zmien li l-konvenuta ltaqghet mal-attur hija kellha 17-il sena. Kienet immatura, naïve u dipendenti totalment fuq ommha. Ma kenitx matura bizzejjed la sabiex tkun mart l-attur u lanqas bhala omm.*

*(b) Il-konvenuta qatt ma riedet tizzewweg, izda fis-sitwazzjoni tat-tqala hija kienet tinsab imbezza' w imhawda*

*fil-hsiebijiet taghha u wara hafna pressjoni minn Mario sabiex jizzewwgu, fit-tmien xhur tat-tqala hija ikkoncediet ghall-pressjoni u accettat li tizzewweg. Il-konvenuta f'dak izzmien kienet fragili emozjonalment u konfuza.*

*(c) Il-konvenuta ukoll ma kellha ebda nteress fic-cerimonja taz-zwieg. Hija ma riditx tizzewweg.*

*(d) Wara z-zwieg il-konvenuta qatt ma kienet tqatta' zmien id-dar, izda dejjem ghand ommha. Qatt ma kienet issajjar, tahsel il-hwejjeg tal-attur jew l-istess dar konjugali".*

*"Illi skond il-provi migbura u l-kunsiderazzjonijiet premessi jidher li n-nullita' ta' dan iz-zwieg fil-konfront tal-kontendenti gie ppruvat".*

**(C) KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI U FATTWALI TAL-QORTI.**

Illi l-attur fil-premessi tieghu jghid illi l-kunsens tieghu kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u l-kunsens ta' wahda mill-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; u/jew wahda mill-partijiet ma kellhiex, fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni

temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi dawn it-tliet premessi huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (d) (f) (g) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe` **l-Att dwar iz-Zwieg.**

Illi dan l-artikolu jghid illi:-

*19. (1) B' zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(a) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza';*

*(b) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun eskluz minhabba zball fuq l-identita` tal-parti l-ohra;*

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b' qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*(e) jekk xi wahda mill-partijiet tkun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, izda biss jekk dik l-impotenza tkun tezisti qabel iz-zwieg;*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;*

*(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;*

*(h) jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b' mohha, ma kelliex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.*

*(2) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, azzjoni ghall-annullament ta' zwieg tista' tinbeda biss minn wahda mill-partijiet f' dak iz-zwieg, u din id-disposizzjoni tapplika wkoll jekk dik il-parti tkun inkapaci, taht xi disposizzjoni ta' ligi, li tharrek jew tigi mharrka, u f' xi kaz bhal dan l-azzjoni tista' tinbeda minn dik il-parti minkejja dik l-inkapacita`, bla hsara ghall-ghajnuna jew kondizzjoni ohra li l-Qorti jidhrilha xierqa u tordna. Meta azzjoni tkun inbdiet minn parti fi zwieg, l-azzjoni tista' titkompla minn kull wiehed mill-werrieta.*

Illi l-konvenuta ma tidhirx li qed tikkontesta li hemm kaz ta' annulament taz-zwieg, pero' qed tghid li l-attur wera attitudini negattiva wara iz-zwieg.

Illi qabel xejn il-Qorti tosserva li minkejja li l-konvenuta irremettiet ruhha ghad-decizjoni ta' din il-Qorti, u b' hekk giet li anke hi trid li dan iz-zwieg ikun annullat, xorta wahda din il-Qorti hi obbligata li tezamina l-provi sabiex tara jekk dak allegat mill-attur jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi. Iz-zwieg hu istituzzjoni ferm importanti ghall-istabilita` socjali; zwieg debitament registrat skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodici Civili hu presunt validu sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju; u anke li kieku hawn *si tratta* ta' ammissjoni ghal kollox u bla ebda kondizzjoni tat-talba attrici (**Art. 158 [2] Kap 12**) din il-Qorti ma tkunx ezonorata f' kaz ta' kawza ghall-annullament taz-zwieg milli tisma' l-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub ("**Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri**" – Cit. Nru. 1264/94 per Onor. Imhallef V. DeGaetano deciza fit-3 ta' Ottubru 1995 PA).

Illi dwar l-ewwel difett l-attur qed jikkontendi li kellu meta ikkontratta z-zwieg mal-konvenuta. Dan huwa dak li hemm fl-**artikolu 19 (1)(d)** u cioe`:

*19. (1) B' zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-***hajja**

*mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (Ara f' dan is-sens "**Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana**" – P.A. (VDG) deciza fil-25 ta' Mejju, 1995 ).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista Colagiovanni:

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" … … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … … si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia inghad, b' immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju id-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non*

*esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (**Pompedda, M.F., Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski – Pompedda – Zagglia, Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico** (Padova, 1984), p. 46).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega **Bersini**, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata*

*evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (**Bersini, F., Il Diritto Canonico Matrimoniale** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per*

*gli impegni che da quell’ atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l’ eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*” (ibid. pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta’ ghazla facli:

“*… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un’ affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un*

*patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (**Pompedda, M.F., Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi biex tikkonkludi fuq din it-tema, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' **Viladrich**:

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" **(Viladrich, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku (Can. 1095[3]) tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda impossibilita` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-

obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f' dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifika fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-Bersini, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (op. Cit., p. 99).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of*

*assuming these obligations with these essential characteristics*" (**Viladrich, P.J., op. Cit., p. 687**).

Illi fir-relazzjoni peritali maghmula mill-Perit Legali Dr Deborah Farrugia din ikkonkludiet illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kaz jinkwadra ruhu: "f'sitwazzjoni fejn l-kunsens tal-partijiet jirrizulta li kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha (**Art 19 (d) tal-Kap 255**) u dwar dan hemm is-sentenza **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-attur ma kellu ebda sinifikat ta' x'inhu zwieg u zzewweg biss ghaliex l-konvenuta kienet tqila, ma riedx li din it-tifla tkun twieldet illegittima, u wkoll biex ma jinkwetax lill-genituri tieghu. Illi fil-fatt qabel ma zzewweg kellu problema ta' xorb, kien johrog u jkollu x'jaqsam ma diversi nisa, u ma kellu hajra ta' xejn, u fil-fatt wara iz-zwieg baqa' jaghmel l-istess, b'mod ghal kollox sgregolat u kien jisserva bil-konvenuta biss meta jkollu bzonn, anke sahansitra darba minnhom kontra l-volonta' taghha. Illi fid-dawl ta' dan kollu mhux biss l-attur ma kellux kunsens materjali ghaz-zwieg, izda bil-mod kif kien qed jghix u baqa' jghix lanqas setgha qatt ikollu, u fil-fatt qatt ma kellu l-hsieb li jassogetta ruhhu ghall-obbligi naturali tal-istess zwieg, u certament ghalhekk li taht dan l-aspett il-kweziti taht l-**artikolu 19 (d)** gew ilkoll sodisfatti *da parte* tal-attur.

Illi min-naha tal-konvenuta din kien ghad kellha biss 17 il-sena meta harget tqila, u kif ammess minnha hija zzewget lill-attur biss minhabba l-istigma li hasset ghaliex kienet tqila, u kienet immatura wisq biex taghmel dan il-pass, pero' minhabba l-pressjoni li giet ezercitata fuqha mill-istess attur, hija ghazlet li tizzewweg f'dawn ic-cirkostanzi meskini, anke jekk dan iz-zwieg sar bic-civil, ghaliex semghet minn omma, li jekk ikun hemm kaz ta' annulament, ma kienx hemm bzonn tmur il-Kurja. Din hija ammissjoni tan-nuqqas ta' preparazzjoni tal-konvenuta ghall-istess zwieg dovut pero' mhux tant ghal komportament tal-istess konvenuta, izda ghan-nuqqas ta' maturita' taghha, u l-biza' li t-tqala fic-cirkostanzi holqot fl-istess konvenuta. Fil-fatt kien zwieg tal-isem biss ghaliex hija baqghet tmur ghand ommha, anke ghaliex l-konvenuta kien ihalliha wahedha, u fil-fatt ma kienet taghmel ebda xoghol ghall-attur, li normali li jsir f'hajja mizzewga – ghalkemm l-attur ma kienx jaspira dan it-tip ta' rispett, iktar u iktar meta kien f'mohhu biss f'xalar, nisa u xorb, u dan kif qal huwa stess.

Illi ghalhekk din ir-raguni giet sodisfatta *in pien* miz-zewg partijiet, fi grad hafna ikbar u serju mill-istess attur ghar-ragunijiet fuq indikati.

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak

parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu*", jew kif mgharuf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ippruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivamenf eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".*Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech" (**P.A.14 ta' Awissu1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda ikun internament u b'att posittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Theuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912) :-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jaghti il-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19(1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li

jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg.

Illi ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga",* u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A.(NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied.* L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"Consortium Vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubilita' taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi

Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilita' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. Edwards Hudson** (op.cit p164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, **D.J. Burns,** fii-kummentarju tieghu (D.J. Burns, **Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary.** Pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi f'dawn ic-cirkostanzi odjerni jidher car li l-attur qatt ma kellu intenzjoni li joqghod ghal dak li l-istess zwieg jirrikjedi, u huwa fil-fatt ma ghamel l-ebda tentattiv biex jahbi dan u fl-opinjoni tal-Qorti l-unika haga li kellu f'mohhu kien li lil terzi, inzkluz lill-genituri tieghu jaghtihom sembjanza ta' zwieg, sabiex it-tarbija titwieled fi stat ta' legittimita'; fil-fatt

il-kundizzjoni tal-attur f'dan il-perjodu kienet serja hafna, ghaliex kien qed jghix hajja sgregolata ghall-ahhar, bla ebda emozzjoni lejn martu, u hekk baqa' jaghmel anke wara l-istess zwieg, b'mod ghal kollox estrem, u anke umiljanti lejn il-persuna ta' martu. Illi ghalhekk anke f'dan il-kaz ir-rekwiziti tal-**artikolu 19 (f)** gew sosdisfatti mill-attur.

Illi l-ahhar raguni li ingabhet ghat-talba ghal tali annulament hija dik abbazi tal-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255** li jipprovdi li:-

*(h) jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b' mohha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.*

Illi din ir-raguni ingabhet peress li l-attur qed isostni li martu l-konvenuta kienet zghira fl-eta' u kienet tqila u ghalhekk f'dak iz-zmien ma kellhiex is-setghat intelletwali jew ir-rieda bizzejjed biex jinholoq il-kunsens taz-zwieg, pero' ghalkemm din il-Qorti thoss li l-konvenuta ma kienitx matura, kif *di piu'* lanqas kien l-attur, fic-cirkostanzi odjerna ma jidhirx li l-istess konvenuta ma kellhiex il-fakoltajiet intelletwali jew rieda bizzejjed sabiex tidhol ghaz-zwieg; l-kunsens taghha kien vizzjat ghar-ragunijiet ohra pero' certament mhux dawk indikati f'dan is-subartikolu.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milquha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255,** ghar-ragunijiet imputabbli lill-partijiet taht l-ewwel subartikolu u ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur fit-tieni subartikolu ndikat.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fl-24 ta' Awissu, 1990 ma jiswiex u huwa null ghar-ragunijiet migjuba fuq skond l-**artikolu 19(1) (d), (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255)***.*

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' Mejju 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**30 ta' Mejju 2002.**